MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2011

Talba Numru. 742/2007

Ronald (Id 494265M) u Susan (Id. 260168M) konjugi Pavia.

Vs

Platinum International (Malta) Limited.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi qedin jitolbu li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallashom solidalment bejniethom is-somma ta' erba mija u hamsin liri Maltin (Lm450) rapprezentanti prezz imhallas kif konfermat mid-dokument anness u mmarkat 'Dok. A' fir-rigward tal-'*membership*' indikata fl-istess dokument u liema '*membership'* giet sussegwentement terminata mir-rikorrenti skond il-ligi permezz tal-ittra datata 20 ta' Awissu, 2006. Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet legali kontra l-intimata li r-rapprezentanti taghha huma ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta li eccepiet (i) preliminarjament li l-ebda hlas ma sar mill-atturi lis-socjeta' konvenuta, stante li s-socjeta' konvenuta m'aggixietx fuq l-awtorizzazzjoni li taw l-atturi sabiex is-socjeta' konvenuta tigbed il-flus; u (ii) fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, kieku sar il-hlas, dan ma kienx ikun rimborsabbli; (iii) salv eccezzjonijiet ulterjuri. Bl-ispejjes kontra l-atturi, inkluzi l-ispejjes tar-risposta ghall-ittra ufficcjali ai termini tal-artikolu 116A tal-Kap. 12.

Sema x-xhieda tal-attur Ronald Pavia.

Ra l-affidavit ta' Christopher Saliba prodott bhala xhud mill-atturi.

Sema x-xhieda ta' Bernardette Gauci prodotta mis-socjeta' konvenuta.

Sema x-xhieda ta' Mary Anne Abela prodotta mis-socjeta' konvenuta.

Sema x-xhieda ta' Aiden Formosa prodott mis-socjeta' konvenuta.

Ra d-dokumenti kollha li gewipprezentati.

Sema' t-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidra.**

Illi l-fatti fil-qosor li jirrigwardaw dan il-kaz huma s-segwenti:-

Skond l-attur Ronald Pavia, f'Awissu tas-sena 2006 huwa w martu kienu qedin jinnegozjaw mas-socjeta' konvenuta sabiex jidhlu f'sistema ta' *'time-share'* li kienet qed tipproponi l-istess socjeta' konvenuta. Peress illi s-

socjeta' konvenuta bdiet taghmel pressjoni fuqu sabiex ihallas depozitu huwa kien hallas l-ammont globali ta' erba mija u hamsin lira Maltin (Lm450). Skond l-attur dan il-hlas sar billi l-ewwel hallas l-ammont ta' ghaxar liri Maltin (Lm10) peress li dak il-hin dak l-ammont biss kellu fuqu, u mbaghad izjed tard fl-istess gurnata mar igib il-kumplament tal-flus mid-dar tieghu, u cioe erba mija u erbghin lira Maltin (Lm440) u mar ihallashom lis-socjeta' konvenuta. Skond hu, l-flus thallsu kollha in kontanti, u mhux b'cekk. Peress illi sussegwentement l-atturi kienu ghazlu li johorgu mill-iskema tat-*'time share'*, huma qedin jitolbu r-rifuzjoni tal-flus fuq imsemmija li hallsu lis-socjeta' konvenuta permezz tal-kawza odjerna. Skond l-attur, l-ittra li tinsab a fol. 6 tal-process, datata 16 ta’ 16 ta’ Awissu 2006 ghandha tigi kkunsidrata bhala rcevuta tal-hlas li sar minnu.

Bhala provi taghhom l-atturi esebew xi dokumenti, u pproducew affidavit ta' certu Christopher Saliba li pero ma semma assolutament xejn dwar jekk il-flus in kwistjoni thallsux jew le mill-atturi lis-socjeta' konvenuta, u ghalhekk dan ix-xhud ftit li xejn tefa dawl fuq dan il-kaz.

It-Tribunal josserva wkoll li l-attrici Susan Pavia ghal xi raguni ma xeheditx fil-proceduri odjerni, u ghalhekk il-versjoni tal-attur Ronald Pavia ma gietx korroborata mix-xhieda ta’ martu stess.

Illi minn-naha taghha, s-socjeta' konvenuta pproduciet bhala xhud taghha lil Bernardette Gauci, li tokkupa l-kariga ta' General Manager mas-socjeta' konvenuta. Il-versjoni tal-fatti moghtija minn din ix-xhud hija pjuttost differenti minn dik moghtija mill-attur.

Skond hi, l-attur Ronald Pavia kien iffirma kuntratt mas-socjeta' konvenuta u mall-iffirmar tal-istess kien hallas pagament ta' ghaxar liri Maltin (Lm10). Peress illi kien ghad fadallu jhallas il-bilanc ta' Lm440, kien sar ftehim fis-sens li s-Sur Pavia kellu jhallas il-bilanc dovut permezz ta' cekk xi jumejn wara. Fil-fatt gie ffirmat dokument bejn il-partijiet proprju f'dan is-sens (Dok. BG1). Bernardette Gauci kompliet tispjega li s-socjeta' konvenuta kienet

hadet il-*credit card details* tal-attur sabiex f'kaz li dan il-pagament tal-bilanc ma jsirx, l-ammont jigi zbankat mill-*credit card* tieghu. Fil-fatt giet esebita ukoll din l-istess *credit card authorisation* iffirmata mill-attur.

Ix-xhud spjegat li mhuwiex minnu li Ronald Pavia hallas l-ammont ta' Lm440 permezz ta' kontanti u li dan l-ammont fil-fatt qatt ma thallas lis-socjeta’ konvenuta. L-attur kien gie biss darba l-ufficcju tas-socjeta’ konvenuta fejn iffirma l-kuntratt u hallas l-Lm10 u ma regax gie hemm.

Hija spjegat li r-raguni ghalfejn inkitbet l-ittra datata 16 ta’ Awissu 2006 mis-socjeta' konvenuta (a fol.6 tal-process), liema ittra tinkludi l-kliem *'less Lm450 already paid for Rediscover contract'*, hija li s-socjeta’ konvenuta kellha l-garanzija tal-*credit card* u ghalhekk setghet tkun certa li l-bilanc seta’ jigi zbankat anki jekk l-atturi ma gewx ihallsu. Hija spjegat ukoll li meta l-atturi wrew l-intenzjoni taghhom li jikkancellaw il-kuntratt, is-socjeta’ konvenuta ma qabditx u ddebitat il-*credit card* bil-bilanc dovut peress illi xtaqet issib kompromess bejn il-partijiet.

Skond l-istess xhud, peress li dan ma kienx kuntratt kancellabbli, u peress li ma hemm l-ebda ‘*cooling down period’*, is-socjeta’ konvenuta baqghet tinsisti li tithallas il-bilanc dovut, u anki kitbet lill-attur f’dan is-sens. Is-socjeta’ konvenuta kienet anki ppruvat tasal ghal xi kompromess billi offriet li l-attur sabiex ihallas il-bilanc permezz ta’ rati mensili.

Bernardette Gauci sostniet li kwalsiasi pagament li sar mill-atturi seta’ sar lilha biss, u li hija kienet irceviet minghand l-atturi l-pagament ta’ Lm10 biss u xejn aktar. Dan il-pagament sar mill-atturi wara l-laqgha li kienet saret fis-7.00 ta’ filghaxija. Skond hi, li kieku l-attur kien qal li kien bi hsiebu jmur igib il-bilanc dakinhar stess, ma kienx jitnizzel fuq il-kuntratt li kien ser ihallas permezz ta’ cekk fi zmien jumejn, u lanqas ma kienu jittiehdu l-*credit card details*.

Is-socjeta’ konvenuta pproduciet ukoll bhala xhud lil Mary Anne Abela li xehedet illi hija kienet prezenti dakinhar

meta saret il-laqgha mall-atturi fost nies ohrajn. Hija spjegat li kienet prezenti l-hin kollu, u kienet anki prezenti meta l-atturi wrew ix-xewqa li jiffirmaw il-kuntratt u jhallsu depozitu. Hija kkonfermat li l-atturi hallsu depozitu ta' Lm10 permezz ta' kontanti. Hija kkonfermat li l-attur wieghed li kien ser ihallas il-bilanc permezz ta' cekk l-ghada u li Aidan Formosa ghalhekk kien ha d-dettalji tal-*credit card* tal-attur. Hija kkonfermat ukoll li l-attur ma kienx gie lura fl-ebda hin dakinhar sabiex ihallas il-bilanc, u lanqas ma kien gie l-ghada sabiex ihallas permezz tac-cekk. Fil-fatt ix-xhud qalet li l-atturi hargu wara li saret il-laqgha ghal xi l-10pm u l-istaff inkluz hi u Bernardette Gauci kienu hargu lkoll flimkien wara li telqu n-nies.

A skans ta' repetizzjoni inutili, t-Tribunal jirrileva li din hija wkoll l-versjoni tal-fatti li giet konfermata mix-xhud Aidan Formosa prodott mis-socjeta' konvenuta.

Illi tenut dan kollu in konsiderazzjoni, u peress li t-Tribunal jidhirlu li l-kaz in ezami jikkoncerna xejn aktar hlief il-kwistjoni ta' kredibbilita' o meno tal-partijiet, huwa ovvju li hawnhekk iridu jigu ezaminati l-versjonijiet tal-partijiet sabiex wiehed ikun jista' jasal ghall-konkluzzjoni dwar liema hija dik l-izjed verosimili. In vista ta' dan it-Tribunal ma jhossx li ghandu jezamina kwistjonijiet legali dwar '*cooling off periods'*, u n-natura tal-kuntratt in kwistjoni.

It-Tribunal fl-ewwel lok jikkonkludi li filwaqt li l-versjoni tal-fatti tas-socjeta' konvenuta hija korroborata minn tlett xhieda differenti, dik tal-attur m'hi korroborata minn l-ebda xhud iehor. L-attur kellu kull possibilita' li jtella l-mara tieghu sabiex tikkonferma dak li kien qieghed jallega, izda dan ma sarx.

Oltre dan, it-tezi tal-attur, u cioe li huwa kien mar ghal laqgha fis-7 ta' filghaxija u dam hemmhekk sakemm spicca kollox, u mbaghad saq sad-dar gewwa l-Qawra minn Pembroke u rega mar lura l-Pembroke mill-Qawra, u li dana kollu sar fil-ftit hin li kien hemm wara l-laqgha sakemm l-impjegati tas-socjeta' konvenuta telqu, m'hi konvincenti xejn.

Oltre dan, l-izjed haga li ma tistax tikkonvinci lil dan it-Tribunal illi l-attur qieghed jghid il-verita' hija li d-dokumenti fil-fatt ma jirrispekkjawx dak li qed jallega l-attur. Il-kuntratt datat 16 ta' Awissu 2006, li wara kollox huwa d-dokument li jorbot kollox, juri bic-car li l-bilanc kien ghad fadal li jithallas mill-attur. Minn-naha l-ohra d-dokument l-iehor a fol 6 tal-process li wkoll huwa datat 16 ta' Awissu 2006, u li fuqu l-attur qed jibbaza t-talba tieghu, juri principalment li l-attur kellu l-fakkolta' li jaghmel *upgrade* tal-kuntratt tieghu, u alavolja l-kliem '*already paid'* jistghu jaghtu d'intendere li l-attur kien hallas l-ammont kollu, fl-istampa kompleta tal-fatti ma jidhirx li dan huwa l-kaz. It-Tribunal jidhrilu li l-ispjegazzjoni li nghatat mis-socjeta' konvenuta ghalfejn intqal dan il-kliem huwa ghal kollox accettabbli u verosimili. Il-valur ta' dan id-dokument ma jistax jittiehed izolatament mid-dokumenti l-ohra u l-provi l-ohra prodotti f'din il-kawza. Dan id-dokument irid jitqieghed fil-kuntest totali ta' dak li gara u dak li ma garax. Meta wiehed jaghmel hekk, johrog car li dan id-dokument m'huwiex fil-fatt prova tal-hlas tal-bilanc.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa l-eccezzjonijet tas-socjeta' konvenuta, u jichad it-talba tal-atturi, bl-ispejjes ta' din l-istanza kontra l-atturi.

**Av. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------